SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 24c/KA1/12

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 19/11/'12** **24**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 19/11/'12** **33**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru 2012.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Cermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Connie Said

1.04 Skużati : Il-Membru Carmel Agius

1.05 Assenti : Il-Membru Clayton Tanti Gregoraci
Il-Membru Mary Grace Scicluna

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

1.08 Il-Kumitat ġie nfurmat li din il-laqgha kienet qed issir skond l-ordnijiet permanenti tas-Sitt Skeda [Artikolu 43] artikolu 2.

1.09 Saret riferenza għall-Kapitolu 363 – ATT DWAR KUNSILLI LOKALI, Taqsma II artikolu 18, li jitratta dwar l-attendenza tal-laqgħat.

1.10 Ġie deċiż unanimament li tiġi osservata l-proċedura biex il-postijiet tal-Membri Clayton Tanti Gregoraci, Mary Grace Scicluna, u Carmel Agius jiġu ddikjarati vakanti. Dan minħabba li naqsu milli jattendu għal iktar minn terz tal-laqgħat imsejħa fi żmien sitt xhur.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-15 ta' Novembru 2012. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport tax-Xogħolijiet
4. Budget / Business Plan
5. Latrini Pubbliċi
6. Komunikazzjoni miċ-Chairman
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti 23b/KA1/12 u pproponihom.

1.3.02 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

1.3.04 Ġew iffirmati l-Minuti 24a/KA1/12 kif ukoll Minuti 24b/KA1/12 fejn għal dawn is-seduti ma kienx hemm *quorum*.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 5489 | Email mingħand Fr. Saviour Grima biex jiġi mġedded is-servizz tal-WiFi tal-Millenium Chapel. |
| P651 | Talba mingħand l-iStylish Bathroom Centre sabiex titpoġġa un/loading bay quddiem ix-*showroom.* |
| P688 | Email mingħand lis-Streetcom rigward il-Mutlisits. |
| P693 | Email mingħand Schranz Ltd rigward Triq Spinola. |
| P694 | Email mingħand is-Sur Daivd Soler rigward aktar sorveljanza mill-gwardjani f'Paceville. |
| 6040 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 38/2012 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013. |
| P718 & KA197 | Email mingħand it-Transport Malta rigward il-pedestrian crossing fi Triq il-Knisja. |
| P725 | Email mingħand is-Sur David Soler rigward fondi b'konnessjoni mal-kontravenzjonijiet – San Ġiljan u Paceville |
| P727 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar linji gwida. |
| P730 | Ittra mingħand it-Transport Malta rigward post ġdid għal *taxi stand* waħda fi Triq id-Dragunara, Paceville. |
| P731 & P750 | Ittri mingħand it-Transport Malta rigward żewġ *taxi stands* fi Triq Ball, Paceville għal *White Taxi Licensed Amalgamated.* |
| P734 | Email mingħand Classic Group dwar talba għal-loading/unloading Bay. |
| P736, P571 & KA169 | Korrispondenza dwar diversi materji. |

P746 Ittra mingħand Integrated Solutions rigward panneli ta' informazzjoni għat-turisti.

P772 Ittra mingħand *Portomaso Association Residential Owners' Committee* rigward is-sitwazzjoni tat-traffiku madwar Portomaso

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 5489

2.02 Saret riferenza għal email mingħand Fr. Saviour Grima dwar is-servizz tal-WiFi tal-Millenium Chapel. Ġie deċiż unanimament li dan is-servizz jiġi mġedded u li jitħallas mill-Kumitat Amministrattiv.

Rif. Nru. P651

2.03 B'riferenza għall-email mingħand l-iStylish Bathroom Centre, il-Kumitat Amministrattiv ma sabx oġġezzjoni sabiex titpoġġa un/loading bay quddiem ix-*showroom*.

Rif. Nru. P688

2.04 Saret riferenza għal email mingħand lis-Streetcom rigward Multisits. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat jilqa' din it-talba, dment li jinħarġu l-permessi meħtieġa.

Rif. Nru. P693

2.05 Saret riferenza għal email mingħand Schranz Ltd rigward Triq Spinola. Ġie deċiż unanimament li tiġi rilaxxata il-garanzija bankarja.

Rif. Nru. P694

2.06 Saret riferenza għall-istima mingħand is-Sur David Soler dwar aktar sorveljanza mill-gwardjani lokali biex jiġi evitat il-konġestjoni tat-traffiku fi Triq San Ġorġ k/m Triq Ross, f'Paceville. Ġie deċiż unanimament li din l-istima ma tiġix aċċettata, iżda ġie deċiż li s-Sindku jikkomunika mas-Supt. Bayliss, sabiex fil-hinijiet tar-*rush hour* ikun hemm pulizija biex jidderieġu t-traffiku f'din l-area.

Rif Nru. P718 & KA197

2.07 Saret riferenza għal email mingħand it-Transport Malta rigward il-'pedestrian crossing' fi Triq il-Knisja. Ġie deċiż unanimament li f'dan l-istadju ma titkomplix tittieħed azzjoni. Dan minhabba li:-

- Il-Kumitat Amministrattiv ma jingħatax finanzjament biex jagħmel spejjeż biex jiġu provduti *layout plans.*
- Ir-responsablita' tal-Kumitat Amministrattiv hija ta' manutenzjoni.

Rif. Nru P730

2.08 Saret riferenza għall-ittra mingħand it-Transport Malta rigward post ġdid għal *taxi stand* waħda fi Triq id-Dragunara. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat Amministrattiv ma jaqbilx ma' din it-talba.

Rif. Nru. P731 & P750

2.09 Saret riferenza għall-ittra mingħand it-Transport Malta rigward post ġdid għal żewġ *taxi stand*s fi Triq Ball. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat Amministrattiv ma jaqbilx ma din it-talba.

Rif. Nru. P734

2.10 Saret riferenza għal email mingħand il-Classic Group dwar it-talba għal-un/loading Bay. Ġie deċiż li l-Classic Group jigi mitlub jipprovdi 'site plan' immarkata u ritratt. Dan sabiex din il-materja tkun tista' tiġi diskussa.

Rif. Nru. P746

2.11 B'riferenza għall-ittra mingħand l-Integrated Solutions rigward pannelli ta' informazzjoni għat-turisti, il-Kumitat qabel unanimament li japplikaw l-istess kondizzjonijiet tal-Kunsill.

## 3 Rapport tax-Xogħlijiet

3.01 Saret riferenza għar-Rapport ta' Xogħlijiet fuq l-andament tal-Kumitat matul is-sena 2012 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2013 (Ara Appendiċi ‘A’).

3.02 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport tax-Xogħlijiet.

3.03 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**4 Budget / Business Plan**

4.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-Kunsill qed jistenna *ruling* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-fondi ta’ L.E.S.

4.02 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tal-Budget / Business Plan (Ara Appendiċi ‘B’).

4.03 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

4.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**5 Latrini Pubbliċi**

5.01 Ġie deċiż unanimament li tintbgħat ittra lil Portomaso fejn jiġi nfurmat li l-Kumitat Amministrattiv għandu l-ħsieb li jagħmel Latrina Pubblika fil-Ġnien Spinola, bl-entratura fuq n-naħa ta’ barra biex il-ġnien xorta jibqa’ jingħalaq. Għalhekk mitlub jagħti l-opinjonijiet tiegħu.

**6 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

6.01 Ma kienx hemm komunikazzjonijiet.

**7 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni u pproponihom (Ara Appendiċi ‘C’).

7.02 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

7.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 8 Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 193 sa nru. 204 għall-approvazzjoni (Ara appendiċi ‘D’).

8.02 Il-Membru Joseph Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

8.03 Iċ-Ċermen issekondah.

8.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

8.05 Il-laqgħa annwali tal-Kumitat Amministrattiv Paceville ser issir fl-ufficcju tal-Kunsill nhar it-Tnejn 3 ta’ Diċembru 2012, fis-6.00p.m. Din il-laqgha ser titqies ukoll bħala l-laqgħa tax-xahar.

8.06 Il-laqgħa għax-xahar ta’ Jannar ser issir nhar it-Tnejn 28 ta’ Jannar 2013 fl-10.30 a.m.

8.07 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fl-4.20 p.m.

| | |
|---|---|
| **Richard Scicluna** | **Helen Walker** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |